TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 265/10

**Dillon Falzon**

**vs**

**GO plc**

Illum 16 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 ta' Ġunju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' erba' mija u disgħa u għoxrin ewro u tmien ċentezmi (€429.08), kif ukoll sitta u disgħin ewro, u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€96.87), rappreżentanti telefonati lejn barra minn Malta, li saru f'Jannar u Frar rispettivament, liema telefonati ma sarux.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi minkejja li kien irċieva dawn il-kontijiet, qiegħed jinsisti li dawn it-telefonati ma sarux barra minn Malta u ghalhekk mhux dovut li jħallas.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet u pproduċiet diversi kontijiet tat-telefon li dawn oriġinaw mit-telefon tar-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda, mhuwiex konvint illi r-rikorrenti jew xi ħadd fir-residenza tiegħu m'għamilhomx dawn it-telefonati, għax il-provi miġjuba mis-soċjeta' intimata ma jidhrux hekk.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888